DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1965** **11. 09. 2012**

**AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAL SAĦĦA AMBJENTALI**

Id-Direttorat għal Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika javża li wara li ttieħdu diversi kampjuni tal-ilma baħar tul dawn l-aħħar jiem, iż-żoni tal-għawm f'San Pawl il-Baħar – fil-viċinanzi tal-Moll tal-Fekruna quddiem il-*pumping station* (Kodiċi tas-Sit Ċ 18) u l-Bajja tax-Xlendi – (Kodiċi tas-Siti D04, D05, D06 u D07) huma tajbin għall-għawm u għalhekk l-avviż kontra l-għawm f'dawn iż-zoni qed jiġi rtirat.

Il-pubbliku qed jiġi ukoll imfakkar li sakemm joħroġ avviż ieħor mħux rakkomandat li jsir għawm fil-bajja ta' San Ġorġ, f'San Giljan.

Id-Direttorat waħħal avviżi fil-lokalitajiet dwar dan ir-rigward.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mis-7:00 ta' filgħodu sat-3:00 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Barra dawn il-ħinijiet, il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iċempel fuq is-sistema awtomatika 21827146.

Il-pubbliku jista ukoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.

**Attachments: None** 



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt